Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,201, 1 ta' Novembru, 1983.

Taqsima B

A.L. 51 ta' l-1983

ATT TA' L-1975 DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA
(ATT NRU. XXXV TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet u x-Xogħol ta' l-Uffiċċji tal-Posta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1975 dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħinijiet u x-Xogħol ta' l-Uffiċċji tal-Posta u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1979 dwar il-Ħinijiet u x-Xogħol ta' l-Uffiċċji tal-Posta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 113 ta' l-1979

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-sub-paragrafu (d) tal-paragrafu (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta f'Għawdex
Ir-Rabat u l-Imġarr
Matul is-sena kollha —

Mit-Tnejn sas-Sibt — mis-7.30 a.m. sas-12.45 p.m.".